MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 538/2012

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Carmelo u Maria Rosaria konjuġi Micallef**
**K.I. 698650(M) u 170852(M) rispettivament**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-31 ta’ Lulju 2012, li permezz tiegħu:

is-soċjetà attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuti tas-somma ta’ sitt mija u sbatax-il Ewro u seba’ ċenteżmi

(€617.07), rappreżentanti ammont in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 80004712* mogħtija mis-soċjetà attriċi lill-konvenuti.

Illi l-konvenuti ġew interpellati sabiex iħallsu iżda baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Ra r-**risposta tal-konvenuti** ippreżentata fit-3 ta' Settembru 2012, fejn huma eċċepew:

Illi t-Tribunal għandu jiċħad tali talba bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi, stante illi l-ammont pretiż ta' €617.07 (sitt mija u sbatax –il ewro u seba' ċenteżmi), li huwa indikat bħala "rental charges" u spejjeż oħra minn Awwissu 2007 sa Novembru 2010 relatat mas-servizz ta' televiżjoni "Multiplus" fir-residenza tagħhom skont DOK IZY.1 u IZY.2 mehmużin mat-talba, mhuwiex dovut billi qabel Settembru 2007, il-konvenuti kienu diġà avżaw b'insistenza lis-soċjetà attriċi sabiex tittermina dan is-servizz u minflok huma ottenew servizz tat-televiżjoni mingħand kumpanija oħra.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema x-xhieda.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tat-30 ta' Ottubru 2013 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Provi**

Sema lil **Simone Ellul** *credit controller* mas-soċjeta' attriċi li kkonfermat li l-kont mertu tal-kawża jitratta s-servizz tat-

televiżjoni. Spjegat li għandhom record ta’ telefonata li saret fit-28 ta’ Frar 2008 min-naħa tas-soċjeta` attriċi lill-konvenut, fejn fuq mistoqsija li saritlu, il-klijent kien indika li huwa xtaq jittermina dan is-servizz. Ir-rappreżentant tal-GO li kienet qed iċċempillu, spjegatlu illi huwa irid jirritorna l-kaxxi, iżda l-klijent kien irrifjuta li jagħmel dan. Meta l-istess persuna infurmatu illi dik kienet il-kundizzjoni tal-kuntratt u cioe’ li jrid jirritorna l-kaxxi biex b’hekk jitwaqqaf is-servizz, il-klijent infurmaha li huwa ma kienx jaf jaqra l-istess kuntratt peress li huwa llitterat. Huwa kellu wkoll jirritorna l-cards tas-servizz flimkien mal-kaxxi, liema cards baqgħu ukoll ma ġewx irritornati lis-soċjeta’ GO. Ix-xhud spjegat li min-naħa tas-soċjeta’ GO is-servizz ma jistax jitwaqqaf fin-nuqqas li l-cards u l-kaxxi jiġu ritornati, iżda in vista ta’ dak li kien intqal fit-telefonata, huma kienu naqqsu s-servizz li jagħtu lill-konvenuti u cioe’ minn silver plus is-servizz waqa’ għal free plus biex b’hekk għalkemm xorta waħda kellhom jagħtu lis-soċjeta’ attriċi, l-ammont kien ridott konsiderevolment.

In kontro-eżami, hija spjegat illi l-ammont li qed jiġi mitlub mis-soċjeta’ attriċi jirrappreżenta kemm il-kirja tas-servizz jiġifieri iċ-charge ta’ kull xahar u wkoll il-prezz tal-equipment li għadu ma ġiex lura lis-soċjeta’ attriċi. Mistoqsija jekk il-klijent meta talab li jittermina s-servizz talabx ukoll illi jagħtuh rimbors tad-depożitu li kien ħallas meta ingħata l-equipment, qalet illi fil-fatt il-klijent fil-bidu ma kienx ġie iċċarġjat l-ebda depożitu għaliex il-prezz tal-equipment jiġi ċċarġjat biss fl-istadju tat-terminazzjoni tal-kuntratt. Qalet li l-klijent jiġi ċċarġjat tal-kaxxi biss meta jiġi tterminat il-kuntratt minħabba li ma jkunx ħallas għas-servizz u wkoll ma jkunx irritorna l-istess equipment.

Sema lill-konvenut **Carmel Micallef** li spjega li huwa ħa s-servizz tas-soċjeta`attriċi sabiex jara l-futbol Taljan, wara li kumpanija oħra kompetitriċi kienet tilfet il-jeddijiet li turi l-istess logħob. Huwa kkonferma l-firma tiegħu fuq il-booking form fuq l-invers ta’ fol. 2 tal-proċess. Ikkonferma wkoll il-firma ta’ martu fuq il-kuntratt. Xehed illi kemm hu u wkoll martu ma jafux jaqraw. Xehed illi f’Settembru tas-sena 2007 u din id-data ftakarha peress illi kien ġie operat

f'dak iż-żmien, huwa ma kienx għadu iktar interessat jara il-futbol Taljan mal-kumpanija GO u dan peress li kien daħħal id-dixx u kien qiegħed jara il-futbol Taljan permezz tal-istess dixx.

Mistoqsi dwar dak indikat fil-fol. 15 tal-proċess fejn jidher illi fil-25 ta' Frar tas-sena 2008 saritlu telefonata mir-rappreżentant tal-kumpanija GO rigward is-servizz tat-televixin, huwa wieġeb li kien informa lil din ir-rapreżentanta illi s-servizz tagħhom ma kienx għadu jinteressah u għalhekk kien qabel illi jirritorna it-tlett kaxxi lill-kumpanija. Mill-GO qalulu li l-kaxxi seta jżommhom għaliex kienu tiegħu, pero` jekk irid iwaqqaf is-servizz kellu jiktbilhom ittra. Iżda huwa għażel li ma jonfoqx iktar flus biex immur għand avukat u jiktiblu ittra.  Huwa kien dispost illi jirritorna l-kaxxi jekk huma min-naħa tagħhom jagħtuh il-flus tagħhom iżda huma il-kaxxi ma riduhomx. Qal illi kien irċieva iktar kontijiet min-naħa tas-soċjeta' attriċi u kien ċempel u nfurmahom li l-kontijiet għalxejn qed jibgħatuhomlu għaliex m'huwiex se jħallas. Huwa irrifjuta li jirritorna l-cards għaliex ried jirritorna il-cards bil-kaxxi. Fi kliemu, *"jiena ma kontx dispost li nirritorna il-cards mingħajr il-kaxxi."*

**Konsiderazzjonijiet**

Jirriżulta skont il-prospett esebit fol. 2 tal-proċess, minn dak li bi sforz qed jipprova jifhem it-Tribunal, stante li d-dokument ma ġiex spjegat, illi s-somma ta' €617.07 pretiża mis-soċjeta` attriċi tikkonsisti f'€30.27 għall-ittra uffiċjali mibgħuta lill-konvenut, €225 għas-set top boxes u r-rimanenti €361.80 għas-servizz tat-televiżjoni.

Fl-ewwel lok, rigward is-set top boxes, jirriżulta mill-kondizzjonijiet tas-servizz li huma esebiti fol. 17 tal-proċess, li hemm distinzjoni bejn set-top boxes li ġew mikrija lill-klijenti u oħrajn illi ġew mibjugħa. Fil-każ odjern, jiġi rilevat illi mid-dokument esebit mis-soċjeta` GO (fol. 3) jirriżulta illi l-attur kien XTARA u mhux kera is-set top boxes u kien ħallas għalihom fil-bidu tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-soċjeta` attriċi u l-klijent. Huwa kien

ħallas Lm67 għal kull kaxxa. Imkien m'hemm indikat, f'dan l-istess dokument, li l-kaxxi huma leased, u li dawn jibqgħu fil-propjeta` ta' GO, bħalma hemm indikat rigward il-cards, u għalhekk jirriżulta li dawn ġew mibjugħa lill-konvenut. Inoltre fl-istess jum huwa kien ħallas ukoll għall-installazzjoni tas-servizz ġewwa daru u wkoll għal sena servizz silver u sports. Dan huwa fatt li jġib fix-xejn ħafna mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentata tas-soċjeta` attriċi fejn qalet li l-klijent jiġi ċċarġjat tal-kaxxi biss fit-terminazzjoni tal-kuntratt.

Jġib ukoll fix-xejn l-argument tal-konvenut li ppretenda li kellu dritt jirritorna lura dawn is-set top boxes u jiġi rimbursat tagħhom. Ladarba huwa kien xtara u mhux kera dawn il-boxes, huwa ma kellu ebda dritt għar-rimbors tagħhom. L-ebda klawżola fil-kuntratt jew fil-kondizzjonijiet tal-użu ma tagħtih dan id-dritt. Għaldaqstant il-konvenut li qiegħed fil-pussess ta' tali set top boxes, għandu jżomm tali set top boxes u s-soċjeta` attriċi fid-diskrezzjoni tagħha biss tiddeċiedi jekk tixtieqx teħodhom lura u tikkumpensah tagħhom jew le. Jirriżulta wkoll illi min-naħa tagħha, is-soċjeta` attriċi ma tistax titlob il-ħlas mill-klijent tas-set top boxes li huwa żamm fil-pussess tiegħu, stante li dawn huma propjeta` tiegħu u diġa ħallas għalihom. Il-konvenut m'għandu jħallas xejn aktar għal dawn is-set top boxes.

Dwar is-servizz, It-Tribunal jikkunsidra illi meta wasal biex jittermina s-servizz, il-konvenut naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont il-kuntratt u cioe huwa kellu jirritorna lura l-cards relattivi. Huwa indikat speċifikatament fil-kuntratt illi tali cards jibqgħu propjeta` tas-soċjeta` attriċi. Ikkunsidra wkoll illi l-konvenut huwa bniedem illitterat iżda hija fehma tat-Tribunal li din m'għandhiex isservi ta' skużanti biex il-konvenut ma jonorox l-obbligi tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi tiegħu, fejn huwa ma jafx jaqra u jikteb, kien fid-dmir tiegħu sabiex ikun diliġenti li jkollu assistenza mingħand xi ħadd litterat sabiex ifiehmu u jispjegalu dak illi kien qed jiffirma għalih. Inoltre it-Tribunal għandu prova li l-obbligu tal-klijent li jirritorna l-cards ġie spjegat lill-konvenut, jekk mhux fil-bidu, ċertament meta huwa talab li

jiġi terminat is-servizz, u din il-prova tinsab fil-*prime note* tal-persuni li ċemplulu min-naħa tal-GO.

Il-konvenut jargumenta illi ladarba huwa kellu s-satellita, ma kellux iktar bżonn tas-servizz tas-soċjeta` attriċi, iżda xorta waħda irrifjuta li jirritorna l-cards. Jekk huwa ma kellux bżonn iktar tas-servizz, kien dmir tiegħu li jitterminah kif suppost u jirritorna l-cards. Ma kienx biżżejjed li huwa jinforma verbalment bix-xewqa tiegħu li jittermina s-servizz. Sakemm huwa kien qiegħed il-pussess tal-cards, daqs li kieku kien qed juża s-servizz. It-Tribunal jammira l-aġir tas-soċjeta` attriċi illi naqqset is-servizz lill-konvenut minn "silver plus" għal "free plus" biex b'hekk naqqset l-ispejjeż lill-konvenut, minkejja li dan kien qed jirrifjuta li jirritorna l-cards.

Rigward l-ammont ta' €30.27 mitluba għall-ittra uffiċjali, stante li dawn huma spejjeż legali, m'għandhomx jifformaw parti mis-sorte wkoll, għaliex jistgħu jiġu reklamati doppjament. It-Tribunal jirrileva li l-istess ittra uffiċjali ma ġietx esebita fl-atti u lanqas ma ġiet ċitata fl-Avviż tat-Talba, u għalhekk m'hemmx ċertezza li din effettivament intbagħtet.

**Deċide**

Għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' tliet mija u wieħed u sittin Ewro u tmenin ċenteżmu €361.80, u konsegwentement qiegħed jordna lill-konvenuti in solidum iħallsu lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' tliet mija u wieħed u sittin Ewro u tmenin ċenteżmu €361.80, bl-imgħax legali mid-data tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż ta' xi ittra ufficċjali li setgħet intbagħtet mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuti, jitħallsu għal żewġ ishma minn ħamsa mis-soċjeta` attriċi, filwaqt illi r-rimanenti tliet ishma minn ħamsa jitħallsu mill-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------